MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 1027/2011/1

**Talba Numru: 1027/2011/DMA**

**240 Limited.**

**vs**

**Malta Amateur Athletic Association.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fis-17 ta' Frar 2012 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz fl-ismijiet 240 Limited vs Malta Amateur Athletic Associationipprezentat fl-14 ta Dicembru, 2011 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex it-Tribunal jikkundanna lill-*

*Assocjazzjoni intimata sabiex thallas is-somma ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2,800) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lis-socjeta' attrici bhala hlas ghal xoghol ordnat mill-Assocjazzjoni intimata u debitament esegwit mis-socjeta` attrici ai termini ta' ftehim datat 27 ta' Mejju 2010 rigward xoghol ta' surfacing u line marking works gewwa l-Marsa Athletic Stadium, kif sussegwentement emendat bi ftehim tal-24 ta' Lulju 2010.*

*Illi s-socjeta' attrici interpellat lill-Assocjazzjoni intimata ripetutament ghal hlas tal-bilanc dovut lilha anki permezz tal-ittri legali tat-18 ta' Gunju 2011 u tal-4 ta' Lulju 2011 kif ukoll tas-27 ta' Lulju 2011, izda l-istess Assocjazzjoni baqghet tirrifijuta li thallas u ghalhekk saret din il-kawza.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-Assocjazzjoni intimata, ingunta in subizzjoni.*

*Illi b'risposta tal-4 ta' Jannar 2012 l-Assocjazzjoni intimat eccepiet l-eccezzjoni 'ope exceptionis' l-inkompetenza 'ratione valoris' in kwantu t-Tribunal jehtieglu jezamina u jiddetermina jekk il-bilanc li qed jigi reklemat huwiex verament dovut u f'dan l-ezercizzju ser ikollu jivverifika mhux biss il-bilanc mitlub izda l-kontrattazzjoni negozjali shiha fejn l-ammont taghha jezorbita l-konpetenza tal-istess Tribunal.*

*Illi t-Tribunal ghalhekk jehtieg illi jipprovdi dwar din l-eccezzjoni qabel ma jkomplii jisma' din il-kawza. Permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet l-Assocjazzjoni konvenuta, iccitat id-decizjoni ta' Antonia Attard Gialanze vs Rita Borg tat-23 ta Frar 2011. Iccitat wkoll l-kawzi Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe Appell Inferjuri tal-31 ta Lulju 1996.*

*Illi b'nota ta' riferenzi tas-socjeta` attrici ssostni li t-talba hija ghal somma determinata li indubbjament tirrientra fil-kompetenza ta' dan it-Tribubal.*

*Illi f'din in-nota s-socjeta` attrici qalet ukoll illi minghajr pregudizzju ghas-suespost f'kaz illi t-Tribunal ihoss illi l-eccezzjoni de quo timmerita akkoljiment allura t-Tribunal jordna s-sopprasessjoni u jordna l-assoccjazzjoni intimata*

*sabiex fi zmien perentorju tressaq hija stess kawza dwar l-ilment taghha li fil-fehma taghha jiggustifikaw in-nuqqas ta' hlas tas-somma mitluba.*

*It-Tribunal jikkunsidra*

*Illi sabiex jasal ghad-decizjoni jekk l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwiex dovut jew le inevitabilment irid jidhol u jezamina t-trattazzjoni u l-ftehim originali bejn il-partijiet.*

*Illi huwa car illi dan l-ammont totali jezorbita l-ammont li jaqa taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-assocjazzjoni intimata b'dan pero` qed jordna ssoprasessjoni u jimponi t-terminu ta' sitt gimghat zmien millum sabiex tigi intavolata l-azzjoni opportuna sabiex jigi deciz mill-Qorti kompetenti l-kawza proposta mill-konvenut. F'kaz li ma ssirx din il-kawza fiz-zmien mghoti allura jitqies illi din l-eccezzjoni qed titqies bhala rinunzjata.*

*It-Tribunal jiddifferixxi l-kawza sine die, riappuntabbli minn xi wahda mill-partijiet."*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Malta Amateur Athletic Association datat 24 ta' Frar 2012 (fol. 1) fejn din talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti decizorja taghha fejn laqghet l-eccezzjoni tal-inkompetenza "*rationae valoris*", tirrevoka ghall-kumplament tad-decide, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra s-socjeta' attrici appellata.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata 240 Limited datata 25 ta' April 2012 a fol 9 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' appellanti.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta’ Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Mejju 2012 fejn id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolo ghall-11 ta’ Ottubru 2012.

Rat in-nota tal-Assocjazzjoni appellanti datata 22 ta’ Mejju 2012 a fol 16 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenzi tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 17 ta’ Frar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravju tal-Assocjazzjoni appellanti huwa fis-sens li la darba l-istess Tribunal iddikjara ruhhu inkompetenti *ope eccezzionis rationae valoris* mela allura ma setghax imbaghad jikkondizzjona l-istess decizjoni ghall konsegwenzi futuri f’kaz li l-Assocjazzjoni appellanti ma tuniformax ruhha mal-ordni tieghu  u dan fis-sens li la darba l-istess Tribunal iddikjara ruhhu inkompententi kellhu u ghandhu jieqaf hemm u ma’ jistax allura jmur oltre u ma setghax allura fl-istess nifs jiddikjara li qed jissopressjedi sakemm tigi istwieta kawza mill-istess appellanti, u dan iktar u iktar meta s-soprasessjoni ma hijiex applikabbli ghall kaz in ezami ghaliex l-Assocjazzjoni ghamlet id-difiza taghha izda qatt ma qalet li hija kreditrici tas-socjeta’ appelata; bid-difiza taghha hija setghet tasal ghar-rezistanza tal-hlas reklamat u ma kellhiex bzonn taghmel azzjoni.

Illi din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza, nkluz ir-risposta tal-appell u jirrizulta li l-aggravju odjern huwa fis-sens li la

darba t-Tribunal iddikjarat ruhha fid-decide inkompetenti *rationae valoris* u b'hekk laqghet l-eccezzjoni tas-socjeta' appellanti quddiema ma setghax imbaghad tiddikjara li qed tordna s-soprasessjoni u timponi terminu ta' sitt gimghat sabiex issir l-azzjoni hemm indikata fil-Qorti kompetenti u fin-nuqqas li dan issir l-eccezzjoni tal-konvenuti titqies bhala rinunzjata u dan ghaliex dan il-pronunzjament gudizzjarju ma jaghmilx sens legali u huwa *non sequitur*.

Illi fil-fatt fid-decide l-istess Tribunal jghid testwalment li:-

*"Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-assocjazzjoni intimata b'dan pero' qed jordna ssoprassessjoni u jimponi t-terminu ta' sitt gimghat zmien mill-lum sabiex tigi intavolata l-azzjoni opportuna sabiex jigi deciz mill-Qorti kompetenti l-kawza proposta mill-konvenut. F'kaz li ma ssirx din il-kawza fiz-zmien mghoti allura jitqies bhala rinunzjata.*

*It-Tribunal jiddiferixxi l-kawza sine die, riappuntabbli minn xi wahda mill-partijiet".*

Illi ma hemmx dubju li tali *decide* hija guridikament u gudizzjarjament zbaljata ghaliex la darba t-Tribunal laqa' l-eccezzjoni ta' inkompetenza tieghu f'dan il-kaz *rationae materiae* minhabba l-eccezzjonijiet hekk sollevati, mela allura t-Tribunal ma setghax jaghti l-ebda provediment iehor u allura kull ma jsegwi wara tali dikjarazzjoni ta' inkompetenza ma setghax issir, ghaliex fi kliem it-Tribunal stess, huwa kien inkompetenti li jisma' l-kaz. Certament allura ma setghax lanqas jordna s-soprasessjoni, ghaliex din tippresumi l-kompetenza tal-istess Tribunal, u lanqas setgha mbaghad jghid li eccezzjoni ta' nkomptenza li huwa laqa' u ta decizjoni dwarha, tista' fi zmien fil-futur titqies bhala rinunzjata. Jidher ghalhekk li d-decizjoni kif inghatat hija *non sequitur* u l-aggravju tal-Assocjazzjoni appellanti huwa *ben* fondat ghaliex tali decizjoni dwar il-kompetenza taghha hija fil-fatt sentenza u mhux provediment (**"Negoziante Giovanni Coleiro nomine vs Dr. Carmelo Parnis nomine et"** – A. K. – 18 ta' Gunju 1928) u certament torbot lit-Tribunal li ta' tali decizjoni u

b'tali dikjarazzjoni l-istess Tribunal rabat lilhu nnifsu bid-dikjarazzjoni fid-decide li huwa nkompetenti, u din l-istess dikjarazzjoni ma tistax tigi revokata jew mibdula minnu (**"Dr. Giorgio Busuttil vs L-Onorevole Prof. Dr. Carlo Mallia et"** (A.C. – 1 ta' Gunju 1925).

Illi s-socjeta' appellata sostni li dak li ghamel it-Tribunal setgha jsir abbazi ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 380** li jipprovdi li:-

*"(2) Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' l-ammont mhux izjed minn tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (3,494.06)".*

Illi mbaghad l-**artikolu 7 (2) tal-Kap. 380** jghid hekk:-

*"(2) It-Tribunal ghandu jissospendi l-procediment tieghu hekk:-*

*(a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta' eccezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal".*

Illi skond dan l-artikolu l-istess Tribunal jista' jissospendi l-proceduri quddiemu sakemm tigi eppurata b'azzjoni *ad hoc* l-eccezzjoni sollevata li tkun tesorbita mill-kompetenza tieghu, u ma hemmx dubju li dan jista' jsir kif indikat mill-Ligi u mid-decizjonijiet **"Blye Engineering Co. Ltd. vs Theresa Attard"** (A.I.C. (PS) – 13 ta' Lulju 2001) u **"Saviour sive Sammy Mercieca vs Carmel sive Charlie Galea"** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Dicembru 2002).

Illi izda hawn mhux hekk sar, izda fl-ewwel lok u fattalment l-istess Tribunal laqa' l-eccezzjoni sollevata mill-Assocjazzjoni appellanti quddiemu ta' nuqqas ta' kompetenza *rationae valoris* u allura la darba dan huwa l-kaz dan kellhu u ghandhu jieqaf hemm. Li kellhu jsir kien li l-istess Tribunal in vista tal-eccezzjonijiet sollevati tissoprassjedi u taghti d-direttivi skond l-artikolu 7 (2) tal-Kap. 380 fuq citat, minghajr ma tilqa' l-eccezzjoni ta' inkompetenza u f'dan is-sens huma fil-fatt id-decide tal-

kawzi fl-ismjiet **"Anthony Pandolfino nomine vs Michael Spiteri"** (TTZ (AE) – 11 ta' Gunju 2002); **"Thomas Dimech vs Joseph Debono et"** (TTZ (JPB) – 8 ta' Lulju 2002); **"Patrick Refalo vs Stephen sive Steve Magri"** (TTZ – (GM) - 8 ta' Ottubru 2003); **"Anthony Lungaro et vs Anthony Xerri"** (TTZ – (GM) - 1 ta' April 2005); **"Dr. Vincent Raimondo et vs David Aquilina"** (TTZ – (DC) 9 ta' Jannar 2006) u **"Joseph Borg et vs Emanuel Cauchi"** (TTZ – (DC) - 15 ta' Mejju 2006).

Illi dan il-kaz huwa ben differenti u ghalhekk jirrizulta li tali decide hija *non sequitur*, u la darba l-istess Tribunal iddikjara ruhhu inkompetenti *rationae valoris*, il-kompetenza tieghu waqfet hemm kif huwa stess iddikjara u dak li segwa fl-istess decizjoni ma setghax issir u qed jigi hawn iddikjarat null u bla effett ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi ghaliex id-dikjarazzjoni ta' inkompetenza ma hijiex u lanqas tista' tkun kondizzjonata u lanqas tista' tigi revokata. B'hekk l-appell kif propost qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' appellata 240 Limited datata 25 ta' April 2012 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, tilqa' l**-appell tal-appellanti Malta Amateur Athletic Association fir-rikors tal-appell taghha datat 24 ta' Frar 2012 ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tirriafferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "240 Limited vs Malta Amateur Athletic Association" (Talba Numru 1027/11/DMA) b'dan illi tikkonfermaha f'dik il-parti decizorja taghha fejn laqghet l-eccezzjoni tal-inkompetenza "rationae valoris", u tirrevoka, thassarha u tannulaha ghall kumplament tad-decide.**

**Bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra s-socjeta' appellata 240 Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------